# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 t'April tas-sena 2002.**

**Numru 13**

**Avviz numru 894/00/SM**

**Tug Malta Limited**

**vs**

**S. Mifsud & Sons Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-17 ta' Lulju tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u tmienja u tletin lira Maltin (LM838) rapprezentanti servizzi tal-irmonk moghtija mill-attur nomine bil-lanec tal-irmonk "Lieni" u**

**"Mari", b'inkarigu tal-konvenut nomine, fuq il-vapur M/T "North Wind" fl-1 t'Awissu, 1999;**

2. **Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine li hu ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-17 t'Awissu tas-sena 2000 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez u dana stante illi l-ammont pretiz mhux dovut billi l-istess socjeta' attrici naqset milli tonora l-obbligazzjonijiet taghha skond kif kien pattwit;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi fil-31 ta' Lulju ta' l-1999 is-socjeta' konvenuta telefonikament ordnat zewg lanec ta' l-irmonk ghall-vapur M/T "North Wind" li kien diehel Delimara fl-1 t'Awissu ta' l-1999 fis-6.30 ta' filghodu;**

2. **Illi l-ordni saret lis-socjeta' attrici bil-metodu accettat u operat regolarment mill-partijiet involuti;**

3. **Illi dan l-ordni kien regolarment ikkonfermat bil-miktub mis-socjeta' attrici;**

4. **Illi effettivament is-socjeta' attrici baghtet iz-zewg lanec taghha skond l-inkarigu li kienet**

**irceviet izda l-bdot ikkoncernat ircieva ordnijiet mill-Awtorita' Marittima li kellu minflok jghamel xoghol fuq bastiment iehor;**

5. **Illi l-bdot tal-lanec jiddependi minn entita' differenti mis-socjeta' attrici li tuza s-servizzi tieghu;**

6. **Illi wara li l-bdot ittermina l-inkarigu tieghu hu mar jespleta x-xoghol tieghu fuq il-bastiment "North Wind";**

7. **Illi s-socjeta' konvenuta qed tippretendi li gialadarba s-socjeta' attrici ma effettwatx ix-xogholijiet taghha skond kif pattwit bejniethom, allura hi ezenti milli thallas ghas-servizz li nghatat u ghalhekk il-vertenza spiccat biex tigi rizolta gudizzjarment;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta wkoll li a bazi tal-formola ta' konfema ta' l-ordni li sar telefonikament mis-socjeta' konvenuta, dik attrici informatha li ghalkemm kienet qed tikkonferma l-ordni verbali pero' l-prijoritajiet tax-xoghol jistghu jigu determinatii mill-awtoritajiet koncernati minhaba l-esigenzi li jistghu jqumu minn mument ghall-iehor;**

**Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta' konvenuta kienet infurmata bil-possibbilita' reali li l-hinijiet pattwiti jistghu jigu varjati minghajr avviz preventiv;**

**Illi in oltre ghandu jinghad li dan mhux l-uniku kaz ta' dan il-generu li sehh bejn il-partijiet involuti u ghalhekk is-socjeta' attrici ma tistax issostni xi forma ta' sorpriza ghal kif sehhew l-affarijiet;**

**Illi finalment ghandu wkoll jinghad li effettivament is-servizz rikjest mis-socjeta' konvenuta nghatalha u dan, fl-ewwel opportunita' li avverat ruha;**

**Illi kieku l-qorti kellha tiehu atitudini differenti kieku tkun qed tippresta ruha biex issehh forma ta' ingustizzja stante li s-socjeta' konvenuta tkun qed tarrekkixxi ruhha ingustament;**

**Illi ghandu pero' ukoll jinghad li fin-nuqqas ta' gustifikazzjoni trasparenti u oggettiva, l-operat in dizamina jitlob aggornament ma l-izvilupp tekniku modern u mas-sensitivita' aktar raffinata tal-gustizzja li qed tigi xprunata ricentement;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta S. Mifsud & Sons Limited biex thallas lis-socjeta' attrici Tug Malta Limited l-ammont ta' tmin mija u tmienja u tletin Lira Maltin, (LM838.00,0), rapprezentanti servizzi ta' irmonk indikat fl-avviz meritu ta' din il-procedura, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**